# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2016**

**Numru 5**

**Ċitazzjoni 1429/1999 JPG**

**Joseph Chetcuti Bonavita u b'digriet tat-12 ta' Awwissu 2014 l-atti gew trasfuzi f'isem uliedu Kurt Chetcuti Bonavita u Karl Chetcuti Bonavita stante l-mewt ta' Joseph Chetcuti Bonavita u David Cassar**

**v.**

**Av. Beppe Fenech Adami u PL Victor Bugeja – b'digriet tat-23 ta' Frar 2000 gew nominati kuraturi deputati ghall-assenti Edward J. Fuchs, u tas-socjeta` "Gunny Oil Field Services Limited" u b'digriet ta' 30 ta' Mejju 2000 il-Qorti testrometti lil Dr Beppe Fenech Adami u l-PL Victor Bugeja bhala kuraturi u minflokhom jigi indikat Dr Zammit Maempel bhala mandatarju ta' l-assenti Edward J. Fuchs u tas-socjeta` "Gunny Oil Field Services Limited" u b'digriet ta' 30 ta' Novembru 2013 l-atti gew trasfuzi f'isem Teresa Micallef stante l-mewt ta' Edward John Fuchs, f'ismu proprju bhala direttur u in rappresentanza tas-socjeta` estera "Gunny Oilfield Services Limited".**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn dikriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' April 2015 li bih ġiet miċħuda t-talba tagħhom illi r-rapport tal-periti addizzjonali kif ukoll it-tweġibiet li taw l-istess periti in eskussjoni jitneħħew mill-atti tal-kawża. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi fetħu din il-kawża biex jitolbu l-ħlas ta' senserija xierqa mingħand il-konvenuti talli introduċew in-negozju imsemmi fiċ-ċitazzjoni u wassluh sal-istadju finali, u wkoll il-ħlas ta' kumpens xieraq talli, bla ebda raġuni valida, il-konvenuti kisru ftehim dwar impjieg fi proġett barra minn Malta. Il-konvenuti ikkontestaw dawn it-talbiet.

3. L-atturi ippreżentaw diversi dokumenti fil-kawża u, wara oġġezzjoni tal-konvenuti għal wieħed minn dawn id-dokumenti[1], inħass il-bżonn li jinħatar espert tal-kitba. Għalhekk l-ewwel qorti ħatret l-ewwel espert li kien wasal għall-konklużjoni li dan id-dokument kien tassew iffirmat mill-konvenut Edward J. Fuchs. Il-konvenut Fuchs talab il-ħatra ta' periti addizzjonali u l-ewwel qorti laqgħet din it-talba tal-konvenut u ħatret tliet esperti, li sussegwentement ġew ridotti għal tnejn. Wieħed minn dawn iż-żewġ esperti kien Martin Bajada.

[1] *Fol*. 238 tal-proċess.

4. Wara li l-periti addizzjonali ppreżentaw ir-rapport tagħhom, kif ukoll xehdu in eskussjoni, l-atturi saru jafu li l-espert Martin Bajada għandu "tebgħa fil-karriera u l-personalità tiegħu li ġġiegħel lill-atturi jiddubitaw serjament dwar l-integrità tiegħu". Għalhekk talbu lill-ewwel qorti biex ir-rapport addizzjonali kif ukoll it-tweġibiet li l-istess esperti addizzjonali taw in eskussjoni jitneħħew mill-atti.

5. Fid-dikriet tagħha tal-24 ta' April 2015 li minnu sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-atturi u qalet hekk:

> »Il-qorti tibda biex tiddikjara illi l-informazzjoni dwar ġudizzju esteru fuq l-espert addizzjonali konċenat kien ilu magħruf lil din il-qorti mill-inqas għal ħmistax-il (15) sena. Din il-qorti qiset il-prinċipju tat-territorjalità u l-prinċipju ta' non-retroattività tal-liġi kriminali, u, b'kważi 21 sena ħidma fil-Qorti tal-Maġistrati, temmen fil-kunċett ta' riabilitazzjoni.
>
> »Il-qorti tagħraf illi, tul il-ħidma tagħha fil-Qorti tal-Maġistrati, l-espert lamentat, fid-diversi nomini tiegħu minn din il-qorti kif ukoll minn diversi kollegi maġistrati tagħha, dejjem esegwixxa xogħlu b' rettitudni u effiċjenza b'mod li reġa' kiseb il-fiduċja.
>
> »Illi kien għalhekk li din il-qorti ċaħdet it-talbiet repetuti tal-atturi għall-isfilz ta' perizja addizzjonali.
>
> »Din il-qorti tagħraf però illi l-informazzjoni dwar l-espert konċernat setgħet skonvolġiet lill-atturi. Din il-qorti tqis ukoll illi hemm l-għaqal fil-massima '*Justice has to be done and has to be seen to be done*'.
>
> »Min-naħa l-oħra din il-qorti trid *per forza* f'dan l-istadju tal-proċeduri timxi bi prudenza xierqa u ġusta, sabiex ma tippermetti ebda vantaġġ mhux floku lill-parti jew lill-oħra li jistgħu japprofittaw ruħhom mill-isfilz ta' relazzjoni li ma taġevolahomx u li tista' tesponihom għal proċeduri ulterjuri.
>
> »Illi għalhekk … … … din il-qorti tqis illi t-talbiet odjerni għandhom jiġu miċħuda u hekk tordna. Fid-dawl, però, taċ-ċirkostanzi speċjali fil-każ in eżami, il-qorti, minn issa, tiddikjara u takkorda l-awtorizzazzjoni tagħha lil min mill-partijiet jidhirlu li għandu jappella minn dan id-dikriet.
>
> »Bl-ispejjeż kontra l-atturi.«

6. L-atturi appellaw minn dan id-dikriet b' rikors tat-30 ta' April 2015 li għalih il-konvenuti wieġbu fid-9 ta' Settembru 2015 u qalu li d-dikriet tal-ewwel qorti għandu jiġi konfermat. L-atturi fissru l-ilment tagħhom hekk:

> »… l-ewwel onorabbli qorti, filwaqt li enunċjat il-prinċipju illi l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qed issir, fl-umili fehma tal-esponenti, attwalment u fattwalment injorat l-istess prinċipju u ippreġudikat lill-esponenti li ġew jitolbu ġustizzja min-għandha. … [B]l-akkoljiment tat-talba tal-appellanti ma kien sejjer jiġi aġevolat ebda wieħed mill-appellanti – kienet biss issir ġustizzja. Fl-umili sottomissjoni tal-appellanti l-prudenza xierqa u ġusta, enunċjata mill-qorti, kienet tiddetta illi kull parti, wara l-eżitu finali tal-kawża, ikun min ikun li jitlef l-istess kawża, ma jibqagħlux f'moħħu dawk is-suspetti li daħlu, korrettement, f'moħħ l-appellanti. Il-partijiet f'kawża li jadixxu l-qorti għall-ġustizzja ma għandhomx jibqgħu bit-togħma morra. …
>
> »… … … ma kien hemm ebda raġuni, mal-ħatra tal-esperti mqabbda mill-qorti, illi l-kompetenza tagħhom tiġi b'xi mod dubitata. L-esponenti ma kinux jafu, kif *del resto* għadhom sallum ma jafux, il-kompetenza tal-istess esperti mqabbda mill-qorti u huma qagħdu fuq l-istess qorti fis-sens li emmnu illi il-qorti ser taħtar u attwalment ħatret nies kwalifikati fil-mestjer u nies ta' integrità massima, kif hi l-prassi, b'mod, fi kliem ieħor, li, kif jgħid il-malti, jistgħu jppoġġu idejhom fuq in-nar dwarhom. L-esponenti kellhom fiduċja għamja fil-periti mqabbda mill-qorti u dan billi huma emmnu illi l-esperti mqabbda mill-qorti kienu nies ta' fiduċja. …
>
> »Illi, wara li ġiet redatta r-relazzjoni addizzjonali, l-esponenti saru jafu illi attwalment l-espert Martin Bajada għandu tebgħa fil-karriera u l-personalità tiegħu li ġġiegħel lill-esponenti jiddubitaw serjament dwar l-integrità tiegħu, u allura jiddubitaw mill-affidabiltà tieghu biex jagħti opinjoni imparzjali u ħielsa minn kull influwenza jew interess personali. …
>
> »… … … mar-rikors tagħhom għall-isfilz tar-relazzjoni addizzjon-ali l-appellanti allegaw fotokopja fidila ta' żewġ dokumenti, bl-ewwel wieħed ottenut minn *The Crown Court at Kingston-upon-Thames*, Renju Unit, bid-data tal-19 ta' Jannar 2015 li minnu jirriżulta illi '*on 02nd July* 1993 *M Bajada pleaded guilty to 10 counts of theft and was given* 2 *years imprisonment suspended for 2 years; he was also ordered to pay STG 575 towards prosecution costs'* - dan iċ-ċertifikat jirriferixxi għall-istess Martin Bajada li huwa l-espert imqabbad mill-qorti.

»Illi fil-26 ta' Jannar 2015 l-*administration officer* ta' *Her Majesty's Courts Service* irrilaxxja it-tieni dokument, mehmuż ukoll mal-istess rikors, li minnu jirriżulta li l-istess Martin Bajada (imwieled fil-16 ta' Mejju 1956) seraq is-somma ta' sitta u erbgħin elf, seba' mija u għaxar liri sterlini (STG 46,710.00) a detriment tal-*Air Malta Company Limited* u *inoltre*, għall-perijodu ta' kważi sentejn, u preċisament bejn il-21 ta' Novembru 1990 u l-20 ta' Awwissu 1992 '*dishonestly with a view to gain for yourself or another or with intent to cause loss to another did falsify an account made or required for an accounting purpose namely a quantity of payment authorization vouchers. … … …*"

»Illi fid-dawl tal-fatt illi l-espert imqabbad mill-qorti ġie misjub ħati, *sia pure* ċertu numru ta' snin ilu, … l-appellanti ma jistgħux ikollhom fiduċja fis-servizzi tiegħu bħala espert imqabbad mill-qorti f'kawża ċivili – aktar u aktar meta *si tratta* preċisament ta' eżami biex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk dokument kienx jew le falsifikat. Anzi, tali *record* għandu jiddiżabilitah milli jservi ta' espert kurjali. …

» … … … L-appellanti ma għandhomx fiduċja fl-esekuzzjoni tax-xogħol tal-'espert' Bajada anke jekk hu, fil-fehma tal-qorti, illum, espert ta' veru, għaliex, kieku kienu konsapevoli tal-fatti li ġew a konjizzjoni tagħhom sussegwentement, ċertament illi kienu jitolbu lill-qorti sabiex tappunta nies oħra bħala esperti f'kawża li kollox jiddependi mill-veraċità ta' ċerti konklu#jonijiet anke dokumentarji. Kif jistgħu l-appellanti joqogħdu, aċċettanti u silenti, bħallikieku huwa kollox regolari u kollox aċċettabbli meta jafu li l-qorti qed tingħata parir tekniku minn xi ħadd li għandu kondotta, biex jingħad mill-anqas, "*che lascia a desiderare*".

»… … … l-appellanti jħossu illi l-konklużjonijiet raġġunti mill-imsemmija esperti huma, oġġettivament (u mhux soġġettiva-ment) u fid-dawl ta' dawn il-fatti ġodda, almenu sospettużi u kwindi mhux affidabbli u l-esponenti ma jistgħux ikollhom is-serħan tal-moħħ li huma għandhom bżonn u li huma intitolati għalih biex ikunu sodisfatti illi attwalment il-vot tal-liġi ġie rispettat.

»Illi dawn il-fatti ġew a konoxxenza ċerta tal-esponenti proprju ftit tal-ġranet qabel ma ġie preżentat ir-rikors relattiv, u għalhekk kienu perfettament korretti li jagħmlu din it-talba tagħhom f'dak l-istadju u mhux qabel – ma setgħux jagħmlu dik it-talba b'mod formali fuq sempliċi għidut, *sia pure* li issa saru jafu, ukoll bir-riżultat tad-dikriet tal-ewwel onorabbli qorti, li l-istess qorti kienet konsapevoli tal-istess fatti almenu għall-ħmistax-il sena.

»Għaldaqstant … jitolbu bir-rispett illi din il-qorti jogħġobha tbiddel u taqleb kompletament id-dikriet tal-ewwel onorabbli qorti li permezz tiegħu caħdet it-talbiet tal-esponenti u b'hekk tordna illi ir-relazzjoni addizzjonali kif ukoll ir-risposti li taw l-istess esperti, in eskussjoni, jiġu sfilzati b'mod definittiv mill-atti tal-kawża u, jekk hekk tħoss, tinnomina periti addizzjonali ġodda, bl-

> inkarigu li jogħġobha tagħti din il-qorti u, f'każ illi din il-qorti tiċħad din it-talba tal-esponenti, illi tordna mhux biss illi l-istess periti addizzjonali jiġu ulterjorment eskussi iżda wkoll illi tippermetti illi l-esponenti David Cassar u Pauline Robertson jiġu prodotti bħala xhieda – kollox isir taħt dawk il-provvedimenti li din il-qorti jogħġobha tordna.«

7. Tajjeb li din il-qorti telenka l-*iter* ta' x'wassal għal dan l-appell. Jirriżulta mill-atti li, wara li ġie ppreżentat ir-rapport tal-ewwel perit tekniku Joseph Gaffiero, b'dikriet tat-2 ta' Novembru 2005 l-ewwel qorti ħatret tliet periti addizzjonali, iżda wieħed minnhom, Dr A. Abela Medici, fuq talba tiegħu stess ġie eżentat mill-inkarigu mogħti lilu u ma nħatar ħadd ieħor floku.

8. Iż-żewġ periti addizzjonali ppreżentaw ir-rapport tagħhom fil-25 ta' Ġunju 2007 u ħalfuh fis-27 ta' Ġunju 2007. Fit-12 ta' Diċembru 2007 l-atturi ressqu il-mistoqsijiet in eskusskjoni lill-periti addizzjonali u t-tweġibiet ta' dawn ġew preżentati fl-1 ta' Diċembru 2008.

9. L-ewwel qorti, fis-7 ta' April 2009, reġgħet ħatret lill-periti addizzjonali biex jagħmlu analiżi tal-firem indikati mill-atturi u jkomplu jwieġbu għall-mistoqsijiet. Ir-rapport addizzjonali ġie ppreżentat fl-4 ta' Jannar 2010 u maħluf fit-3 u fit-6 ta' Novembru 2011. Saru mistoqsijiet oħra lill-periti addizzjonali in eskussjoni mill-atturi fit-23 ta' April 2012 u l-esperti ppreżentaw it-tweġibiet tagħhom fil-25 ta' Ġunju 2012.

10. L-atturi b'rikors tas-7 ta' Novembru 2012 għarrfu lill-ewwel qorti li kien ġie ppubblikat fuq il-*media* servizz fl-4 ta' Novembru 2012 li jgħid li wieħed mill-periti addizzjonali, Martin Bajada, kien fl-1992 ġie akkuzat u misjub ħati ta' frodi u falsikazzjoni ta' dokumenti fl-Ingilterra[2]. Għalhekk minħabba dan ir-rapport l-atturi ddikjaraw li ma għandhom l-ebda fiduċja fil-kapacità u wisq anqas fl-integrità tal-istess espert Martin Bajada u talbu lill-ewwel qorti biex ir-rapport tal-istess espert jiġi sfilzat mill-atti tal-kawża.

11. Il-konvenuti wieġbu li l-atturi kellhom fiduċja sħiħa fl-esperti maħtura mill-ewwel qorti sakemm dawn irrelataw illi d-dokument eżebit mill-atturi kien riżultat ta' frodi. Komplew jgħidu l-konvenuti li l-opposizzjoni tal-atturi messha saret meta l-esperti nħatru u mhux wara li dawn ippreżentaw ir-rapport tagħhom li ma kienx għoġobhom.

12. L-ewwel qorti fl-20 ta' Ġunju 2013 ċahdet it-talba tal-atturi:

> »… għal diversi raġunijiet, fosthom illi l-istadju sabiex jiġu prodotti l-provi dwar ir-rikors tas-7 ta' Novembru 2012 għalaq fit-28 ta' Jannar 2013. Din il-qorti ma kien fadlilha xejn x'iżżid mad-dikriet tagħha u għarfet *da più* illi kwanlunkwe oġġezzjoni fuq il-kompetenza *o meno* tat-tieni perit addizzjonali lamentat messha ġiet indirizzata fil-mument li ġie nominat mill-qorti kif diversament presedjuta.«

13. L-atturi b'rikors tad-9 ta' Frar 2015 reġgħu talbu lill-ewwel qorti biex tordna l-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali kif ukoll tat-tweġibiet li taw għal mistoqsijiet bil-miktub tal-atturi. Ma' dan ir-

---

2 *Foll.* 456 sa 459 tal-proċess.

rikors l-atturi hemżu ż-żewġ dokumenti mill-Ingilterra li jidhru li jikkonfermaw dak allegat fis-servizz tal-*media* tal-4 ta' Novembru 2012. B'mod partikolari dokument minnhom jihder li hu *Memorandum of a Conviction entered in the Register of the Lavender Hill Magistrates' Court* dwar reati ta' serq minn Martin Bajada bejn l-1990 u l-1992 għad dannu tal-*Air Malta*.

14. B'dan il-preċedent penali tal-perit addizzjonali illi ġie misjub ħati, wara li ammetta l-akkużi kontrih, li iffalzifika numru ta' *payment authorisation vouchers*, l-atturi ħassew li ma setgħux ikollhom fiduċja fis-servizzi tiegħu bħala espert imqabbad mill-qorti f'kawża ċivili – aktar u aktar meta *si tratta* preċisament ta' eżami biex wieħed jasal għall-konkluzjoni jekk dokument kienx jew le falzifikat. Anzi, żiedu l-atturi, dan il-preċedent għandu jiddiżabilitah milli jservi ta' espert tal-qorti.

15. L-ewwel qorti b'dikriet tagħha tal-24 ta' April 2015 ċahdet it-talba tal-atturi għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel li minnu sar dan l-appell.

16. Il-Qorti tibda biex tgħid li bil-ħatra ta' periti l-qorti tkun qiegħda tassikura li tinġieb prova meħtiega għall-proċess: prova li, bħal kull prova oħra fl-atti, sakemm ma tiġix skossa minn prova oħra kuntrarja, attendibbli u kredibbli, għandha tifforma l-bażi tal-ġudizzju tal-qorti.

17. Biex tassikura imparzjalità sħiħa u allura attendibilità għall-prova li tkun sejra ssir bil-perizja, il-liġi tagħti l-opportunità lill-partijiet li, għal raġuni tajba, jirrikużaw il-perit, appuntu biex titħares l-imparzjalità u l-indipendenza tiegħu[3].

18. Bħala regola hu stabilit anke fil-ġurisprudenza illi l-qorti ma għandhiex leġġerment tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekniku minnha maħtur għaliex dik, kif inghad, hija element ta' prova importanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-ġudizzju tal-ġudikant[4]. Dan jgħodd aktar fejn il-liġi tipprovdi għall-ħatra ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika tal-opinjoni teknika tal-ewwel perit, u aktar u aktar fejn il-perizja tkun dwar materja teknika li dwarha l-qorti jkollha ta' bilfors toqgħod fuq il-fehma ta' min jifhem.

19. Għalhekk huwa essenzjali illi l-perit nominat mill-qorti jkun bniedem li jispira fiduċja; jekk hemm raġunijiet validi għala jintefa' dubju fuq l-integrità tal-perit, dak il-perit ma għandux jitħalla jkollu sehem fil-proċess ġudizzjarju għax dan idgħajjef il-fiduċja li l-partijiet kif ukoll il-pubbliku għandhom ikollhom fil-qrati tal-ġustizzja.

20. Din il-qorti tinnota li l-espert tekniku in kwistjoni fit-tweġiba tiegħu tal-1 ta' Marzu 2013 għar-rikors tal-atturi ma ċaħadx l-alleg-

---

[3] Artt. 648 u 653 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

[4] Bejnamin Camilleri *noe v.* Charles Debattista *noe et,* App. Ċiv., 9 ta' Frar 2001.

azzjonijiet li saru fil-*media* dwar is-sejbien ta' ħtija ta' reati kriminali fl-Ingilterra fl-1990/1992 u ma jsemmi xejn dwarhom. Iżda l-ewwel qorti fid-dikriet tagħa tal-24 ta' April 2015 fil-fatt tikkonferma li kienet taf b'dawn il-preċedenti penali tal-perit tekniku.

21. Għalhekk dan il-fatt li l-perit imsemmi ġie kkundannat għal reati kriminali serji f'ġurisdizzjoni barranija mhux kontestat. Dan il-fatt hu wieħed serju u ċertament jista' jitqies bħala raġuni tajba u valida biex perit jiġi rikużat.

22. Huwa minnu li għaddew numru ta' snin mill-kundanna iżda dan ma jnaqqas xejn mid-dubju li hemm fuq l-integrità ta' dak il-perit u ġustament imqajjem mill-atturi. Il-kwistjoni ta' territorjalità u l-prinċipju ta' non-retroattività tal-liġi kriminali m'għandhomx relevanza għal kwistjoni mqajjma mill-atturi f'dan il-każ: ir-rikuża tal-perit ma hijiex piena kontra tiegħu iżda mezz ta' ħarsien tal-affidabilità tal-proċess ġudizzjarju.

23. Ma jirriżultax mill-atti li l-atturi kienu jafu dwar il-preċedenti tal-perit addizzjonali jew li kellhom xi suspett dwar dan qabel ma saru l-allegazzjonijiet fil-*media* fit-2 ta' Novembru 2012. L-aħħar rapport tal-periti addizzjonali u t-tweġibiet in eskussjoni tagħhom ġew preżentati fl-4 ta' Jannar 2010 u fil-25 ta' Ġunju 2012 rispettivament. L-atturi jidher li kellhom xi dubji fuq il-kwalifiki

tiegħu, iżda ma kellhomx dubju fuq l-integrità tal-periti għax kif qalu huma "kellhom fiduċja għamja fil-periti mqabbda mill-qorti u dan billi huma emmnu illi l-esperti imqabbda mill-qorti kienu nies ta' fiduċja" qabel it-2 ta' Novembru 2012.

24. Din il-qorti tara li din l-informazzjoni dwar il-perit mhux biss setgħet "skonvolġiet" lill-atturi iżda wkoll toħloq tħassib serju u nuqqas ta' fiduċja mill-pubbliku fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Huwa proprju minħabba l-għaqal tal-massima ċitata mill-ewwel qorti f'kuntest aktar wiesa' minn dak maħsub minn Lord Hewart CJ fil-kawza R. *v* Sussex Justices, *ex parte* McCarthy[5] "*justice should not only be done, but should manifestly and undoubtedly be seen to be done*" li din l-qorti tqis illi l-atturi għandhom raġun fit-talba tagħħom. Wara kollox, dan huwa pass li jittieħed mhux biss fl-interess tal-partijiet fil-kawża iżda fl-interess ġenerali tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

25. Tenut kont tal-istadju li fihom jinsabu dawn il-proċeduri fejn għad ma hemmx ġudikat u għalhekk għad jista' jingħata rimedju għall-ilment tal-appellant din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell għandu jintlaqa'.

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar il-provvedi-ment tal-24 ta' April 2015, u tordna li r-rapporti addizzjonali kif

[5] [1924] 1 KB 256, [1923] All ER 233.

ukoll it-tweġibiet li taw l-istess periti in eskussjoni jitneħħew mill-atti tal-kawża qabel ma dawn jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża.

27. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jinqasmu f'ishma ndaqs bejn il-partijiet.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Registratur
mb